DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 50/2009

tal-24 ta' April 2009

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftheim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 35/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1330/2007 tal-24 ta' Settembru 2007 li jistipula r-regoli implimentattivi għat-tqassim lill-partijiet interessati ta' tagħrif dwar l-okkorrenzi tal-avjazzjoni ċivili msemmija fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Minħabba il-kooperazzjoni bilaterali mal-Iżvizzera dwar okkorrenzi tal-avjazzjoni ċivili fil-Liechtenstein, il-Liechtenstein se jittrata talbiet li jkun qed jirċievi skont ir-Regolament (KE) Nru 1330/2007 b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Iżvizzera,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Dan il-punt li ġej għandu jiżdied wara l-punt 66ga (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007) tal-Anness XIII tal-Ftehim:

"66gb. **32007 R 1330**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1330/2007 tal-24 ta' Settembru 2007 li jistipula r-regoli implimentattivi għat-tqassim lill-partijiet interessati ta' tagħrif dwar l-okkorrenzi tal-avjazzjoni ċivili msemmija fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 295, 14.11.2007, p. 7)."

Artikolu 2

It-testi għar-Regolament (KE) Nru 1330/2007 fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li jiġu pubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-DeċIżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-25 ta' April 2009, iżda li n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 24 ta' April 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

---

[1] ĠU L 130, 28.5.2009, p. 29.
[2] ĠU L 295, 14.11.2007, p. 7.
(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.